- *interruzzjoni permezz t'ittra uffiċjali*
- *mhux meħtieġa interpellazzjoni għall-ħlas; biżżejjed dikjarazzjoni ta' riżerva dwar l-istess*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 16 ta' Diċembru 2021**

**Rikors Nru. 117/2020 GM**

**Mary Lourdes Bonello (ID. Nru. 546373M)**

**vs**

**Anthony Micallef (ID. Nru. 48948M);**

**Joseph Micallef kjamat in kawza b' digriet tal-20 ta' Ottubru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Mary Lourdes Bonello li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

Fil-ħamsa (5) ta' Frar, elfejn u ħmistax (2015) quddiem in-Nutar Robert Micallef, Anthony Micallef permezz tal-prokura datata tmienja u għoxrin ta' Novembru elfejn u tnax (28-11-2012) quddiem in-Nutar Dottor Anthony Abela deher ghan-nom ta' Anna Bonello (ID. nru. 685031M) u permezz tal-prokura datata sebgħa u għoxrin ta' Lulju, tas-sena elfejn u tnax (27-07-2012) quddiem in-Nutar Dottor Anthony Abela deher ghan-nom ta' Mary Lourdes Bonello fuq kuntratt ta' akwist tal-fond urban ossia dar (terran), bl-arja u s-sottoswol tiegħu, bin-numru uffiċjali ħamsa u sittin (65) u sitta u sittin (66) fi Triq San Pawl tal-Pitkali, illi jinsab f' Ħad-Dingli.

Dan il-bejgħ sar bil-kunsiderazzjoni ossia prezz ta' mija u ħamsin elf ewro (€150,000.00). Illi dan sar permezz ta' bank draft cheque number 00205 u 000167, liema cheques qatt ma ġew depositati fil-kontijiet bankarji ta' Anna Bonello u Mary Lourdes Bonello rispettivament.

Skont l-Ewwel Skeda tan-"*Notice of an Intervivos Transfer of Immovable Property to be given in terms of the Duty on Documents and Transfers Acts and the Income Tax Act*", l-att ġie reġistrat ghan-nom ta' Anna u Mary Lourdes Bonello fuq l-indirizz "Il-Qronfla Farmhouse", Wied Ħażrun, limiti tar-Rabat, ir-residenża tal-konvenut, nonostante li Anna u Mary Lourdes Bonello kienu qed jirrisjedu f'Anne, Triq San Pawl tal-Pitakli, Ħad-Dingli.

Anna Bonello mietet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) u skont l-att testamentarju magħmul minnha quddiem in-Nutar Dottor Naomi Mugliette, fit-tletin (30) ta' April elfejn u tnax (2012) ħalliet bħala eredi universali lil bintha Mary Lourdes Bonello, u lil Anthony Micallef jew f'każ li dan ma jkunx jista' hu lil ibnu Joseph Micallef bħala eżekutur testamentarju, liema rwol qatt ma ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġurisdizzjoni Volontarja kif inhu mitlub f'artikolu 765 tal-Kodiċi Ċivili.

Fl-istess ġurnata ossia fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) permezz tal-prokura datata tmienja u għoxrin ta' Novembru elfejn u tnax (28-17-2012) Anthony Micallef żbanka mill-kont tal-bank Bank of Valletta numru 14601859073 l-ammont ta' €6980.36.

Mill-kont tal-bank Bank of Valletta numru 14601859060 ġew żbankati l-ammont ta' €12,243.33 nhar il-5 ta' Awwissu 2015.

Illum l-fond urban ġie trasformat fi tliet sulari appartamenti u penthouse u ġaraxxijiet.

Meta Anthony Micallef ġie mitlub fl-ittri uffiċjali tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) jgħati rendikont dettaljat tal-isbursamenti kif ukoll tas-somma ammontanti għall-mija u ħames mitt elf ewro (€150,000) riżultat tal-bejgħ tal-fond urban, li qatt ma ġiet depożitata fil-kontijiet, sostnuti minn dokumenti awtentikati, dan baqa' inadempjenti.

Kif se jirriżulta mis-smigħ u trattazzjonijiet ta' din il-kawża l-konvenut m'aġixxiex fl-aħjar interess tal-esponenti u bħala bonus pater famiglias skont il-prokura mgħotija lilu;

Il-prokura ghan-nom ta' Mary Lourdes Bonello ġiet revokata fil-wieħed u tletin ta' Mejju elfejn u sbatax.

Anthony Micallef ingħata prokura oħra ghan-nom ta' Mary Lourdes Bonello fid-disgħa ta' Frar elfejn u dsatax, liema prokura ġiet revokata fit-tmiejna ta' Jannar elfejn u għoxrin.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u disgħa u sittin elf mitejn u tlieta u għoxrin ewro disgħa u sittin ċenteżmu (€769,223.69) jew somma verjuri;

2. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lura l-ammont ta' mija u disgħa u sittin elf mitejn u tlieta u għoxrin ewro disgħa u sittin ċenteżmu (€169,223.69) jew somma verjuri.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Anthony Micallef (Kl 48948M) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. In-nullita' tar-rikors promotur tal-atturi stante li tali rikors ma jindikax liema huma dawk il-fatti li l-attriċi taf bihom personalment skont id-detami tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. L-atturi naqsu milli jindikaw l-artikoli tal-Liġi li fuqhom qiegħdin issejsu t-talbiet tagħhom;

3. It-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa dejjem eseġwixxa l-obbligi tiegħu skont il-liġi;

4. L-anqas għandu jbati l-ispejjes tal-proċeduri stante li l-attriċi kienet ġiet iddifidata milli tieħu xi azzjoni fil-konfront tiegħu permezz ta' ittra uffiċjali datata 3 ta' Frar 2020 bin-numru 373/202A; Ittra annessa u mmarkata bħala Dok A.

Rat it-Talba Rikonvenzjonali ta' Anthony Micallef (KI 48948M) li permezz tagħha wara li ppremetta illi :

1) Fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar elfejn u ħmistax (2015) mietet Anna Bonello oħt l-intimat rikonvenzjonanti u omm l-attriċi rikonvenjonata; Ċertifikat tal-mewt anness u mmarkat Dok B;

2) Skont l-aħħar testment tagħha datat 30 ta' April 2012 magħmul fl-atti tan-Nutar Dr Naomi Mugliette, hija ħalliet bħala eredi universali lill-attriċi rikonvenzjonata; Testment u riċerki testamentarji annessi u mmarkat bħala Dok C, D u E;

3) F'dan l-istess testment l-intimat rikonvenzjonanti ġie maħtur bħala eżekutur testamentarju;

4) Apparti dan, peress li l-attriċi rikonvenzjonata għandha bżonnijiet speċjali, id-deċujus ordnat li l-esponenti jamministra u jagħmel dak kollu li hu jħoss li jkun hemm bżonn u dana bla eċċeżżjoni; inklużi li jisbanka depożiti u investimenti u jbiegħ assi immobbiljari tagħha;

5) Id-deċujus stqarret ukoll fl-istess testment li hija kellha fiduċja assoluta fl-intimata rikonvenzjonanti;

6) Tant omm l-attriċi rikonvenzjonata kellha fiduċja fl-esponenti li nponiet kondizzjoni fit-testment li l-attriċi rikonvenzjonata ma setgħetx tbiegħ proprjeta` mingħajr il-firma tal-intimat rikonvenzjonanti;

7) Id-deċujus kellha fiduċja assoluta fl-intimat rikonenzjonanti peress li huwa dar biha kif ukoll bir-raġel tagħha għal dawn l-aħħar għoxrin sena għalhekk ippresta serviġi f'dak kollu li kellhom bżonn;

8) Dawn is-serviġi kienu jikkonsistu billi jdur b'oħtu u jgħina fil-bżonnijiet kwotidjani tagħha u kien saħansitra jħallsilha l-kontijiet, joħorġuha u jaħslilha ħwejjiġha;

9) Il-mibkija Anna Bonello kienet aċċettat li tikkumpensa lill-intimat rikonvenzjonati għal dawn is-serviġi u assistenza stante li dawn kienu

ġew reżi bl-isperanza u bl-aspettativa ta' ħlas. Ġara pero` li Anna Bonello mietet mingħajr ma laħqet ikkumpensatu għalihom;

10) L-attriċi mhux talli irrifjutat li tikkumpensa adegwatament lill-intimat għas-serviġi minnu reżi favur ommha iżda intavolat dawn il-proċeduri kontra tiegħu;

11) Permezz ta' ittra datata 6 ta' Jannar 2020 l-esponenti ġie nfurmat ukoll li l-prokura ġenerali mgħotija minn l-attriċi rikonvenzjonata datata 26 ta' Frar 2019 kienet ġiet irtirata u ġie ordnat sabiex ma jbiegħx proprjeta`. Kopja tal-ittra legali annessa u mmarkata bħala Dok F u Prokura mmarkata bħala Dok G;

12) L-esponenti saħansitra għen lil oħtu kif ukoll lill-attriċi rikonvenzjonata biex tbiegħ il-fond bin-numru uffiċjali ħamsa u sittin (65) u sitta u sittin (66) fi Triq San Pawl tal-Pitkali f'Ħad Dingli;

13) Fil-fatt bil-permess ta' oħtu kif ukoll tal-attriċi rikonvenzjonata u bis-saħħa ta' prokura datata tmienja u għoxrin ta' Novembru elfejn u tnax (28-11-2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela deher ghan-nom ta' oħtu Anna Bonello u bis-saħħa ta' prokura datata sebgħa u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (27-07-2012) fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela deher ghan-nom ta' Mary Lordes Bonello fuq il-kuntratt tal-bejgħ ta' dan il-fond versu l-prezz ta' mija u ħamsin elf ewro (€150, 000);

14) Talli huwa sab il-bejgħ ta' dan il-fond kemm id-defunta oħtu kif ukoll l-attriċi kif rikonvenzjonata ma ħallsuhx tas-senserija;

15) L-esponenti baqa’ jippresta serviġi lil oħtu anke wara l-mewt tagħha peress li ħa ħsieb il-funeral tagħha, ħallas kull kont li kellha pendenti jkun ukoll l-kawża mortis tal-attriċi rikonvenzjonata; Kawża Mortis Annessa u mmarkata Dok H.

Talab lill-Qorti sabiex:

1) Tillikwida s-serviġi pprestati minn l-intimat fl-ammont li jiġi stabbilit minn perit nominandi;

2) Tillikwida s-senserija tal-bejgħ tal-fond (65) u sitta u sittin (66) fi Triq San Pawl tal-Pitkali f'Ħad Dingli;

3) Tikkundanna lill-attriċi rikonvenzjonta tħallas lir-rikorrenti dawk is-sommom hekk likwidati bl-ispejjes kif ukoll bl-imgħaxijiet skont il-liġi kontra l-attriċi rikonvzjonata li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-attriċi Mary Lourdes Bonello rikonvenjonata għall-kontrotalba tal-inimat Anthony Micallef datata 28 ta' Frar 2020 li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-attriċi mhix il-leġittimu kontradittur għat-talba għall-ħlas ta' serviġi reżi lid-defunta Anna Bonello imma se mai hija l-eredita' tad-defunta Anna Bonello l-leġittimu kontradittur ta' tali talba.

2. Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel talba rikonvenzjonanti għall-ħlas ta' serviġi hija preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali anke għaliex, qabel il-mewt tad-defunta fit-28 ta' Frar 2015 hija għamlet snin ġo residenza għall-anzjani u li l-ħtiġijiet tagħha kollha kienu qed jiġu ndirizzati kollha mill-amministrazzjoni ta' dik id-dar.

3. It-tieni talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (e) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, is-senserija tal-bejgħ de quo hija dovuta lil terzi u mhux lil Anthony Micallef. Illi in oltre huwa ferm dubjuż, jekk mhux ottuz, illi persuna li għandha l-prokura tamministra l-assi bħala bonus pater familias tadopera interessi personali kummerċjali u tagħmilha ta' sensar biex tbiegħ dik il-proprjeta' li ġiet fdata lilu biex jamministraha bħala bonus pater familias.

4. It-tielet talba għandha tiġi wkoll respinta bl-ispejjez stante li l-ebda miż-żewġ talbiet preċedenti ma jistgħu jiġu milqugħa u konsegwentament ma se jkun hemm xejn li dina l-Onorabbli Qorta għandha tillikwida.

Rat li ġie kkamat fil-kawża Joseph Micallef.

Rat ir-risposta maħlufa tal-istess Joseph Micallef li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikli 2153, 2156(f) u 2157 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Bla pregudizzju wkoll l-esponenti qiegħed jilqa' għat-talbiet tal-attriċi billi jgħid li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-obbligi u responsabilita` ta’ missieru Anthony Micallef;

3. L-esponenti qatt ma kien prokuratur ta' Anna Bonello jew tal-attriċi u l-prokura esebita fl-atti minn l-attriċi datata 27 ta' Lulju 2012 ma hix iffirmata minnu;

4. L-esponenti lanqas huwa debitur tal-attriċi;

5. Mingħajr pregudizzju wkoll l-esponenti ma għandux jbati l-ispejjez tal-proċeduri stante li l-attriċi qatt ma ivvantat l-ebda pretenzjoni fil-konfront tiegħu la verbalment, la bil-miktub u lanqas uffiċjalment qabel din il-kawza;

Rat is-sentenza tagħha in parte tat-28 ta' Lulju 2020 li ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni ta' Anthony Micallef a tenur tal-artikli 2153, 2156(f) u 2157 tal-Kodiċi Ċivili.[1]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-konvenut u tal-imsejjaħ fil-kawża.

Ikkunsidrat:

Il-fatti allegati bħala premessi għat-talbiet attriċi u għalhekk bħala fundament għall-eċċezzjonijiet imsemmija dwar il-preskrizzjoni huma dawn:

Anthony Micallef kellu prokura "ġenerali" mingħand Anna Bonello li mietet fit-28 ta' Frar 2015. Anna Bonello kienet omm l-attriċi. L-attriċi hi l-unika werrieta universali t'ommha. Anthony Micallef kellu wkoll prokura tal-attriċi li permezz tagħha kien jamministralha ħwejjiġha in ġenerali li ġiet imħassra fil-

[1] Fol 91

31 ta' Mejju 2017. Sussegwentement saret prokura "ġenerali" oħra fid-9 ta' Frar 2019 li ġiet imħassra fit-8 ta' Jannar 2020.

B'kuntratt ta' bejgħ tal-5 ta' Frar 2015, in forza tal-prokuri kemm ta' Anna Bonello kif ukoll tal-attriċi, Anthony Micallef biegħ id-dar 66 fi Triq San Pawl tal-Pitkali, Ħad-Dingli għall-prezz ta' €150,000. Irċieva l-flus permezz ta' *bank draft* u qatt ma ddepożitahom il-bank fil-kontijiet ta' Anna Bonello jew tal-attriċi. F'xi żmien wara (data mhux magħrufa) għadda l-flus lil ibnu Joseph Micallef.

Anthony Micallef żbanka €6980.36 mill-kont tal-Bank of Valletta fid-data tal-mewt ta' Anna Bonello u €12,243.33 minn kont ieħor fil-5 t'Awwissu 2015.

Allegatament kien hemm prokura ġenerali oħra favur Joseph Micallef.

Permezz t'ittra uffiċjali tal-24 ta' Jannar 2020 u notifikata fit-30 ta' Jannar 2020 Anthony Micallef ġie interpellat jagħti rendikont ta' x'għamel bil-€150,000 imsemmija u żammet id-dritt titlob ir-rifużjoni tagħhom.

Permezz t'ittra uffiċjali oħra tal-24 ta' Jannar 2020 u notifikata fit-30 ta' Jannar 2020 Anthony Micallef ġie interpellat jagħti rendikont ta' x'għamel bl-ammonti msemmija li żbanka minn kontijiet fil-Bank of Valletta, u żammet id-dritt titlob ir-rifużjoni tagħhom.

Ikkunsidrat:

L-Artiklu 2156(f) huwa wieħed residwali u għalhekk jista' jiġi applikat **biss** kemm-il darba ma jkunx hemm preskrizzjoni oħra applikabbli. L-Artiklu 2153 jirreferi għal azzjonijiet *ex delicto* li mhux il-każ f'din il-kawża u għalhekk mhix applikabbli.

L-eċċipjent Anthony Micallef innifsu qiegħed jallega wkoll il-preskrizzjoni ex-Artiklu 2157. Li jfisser – tajjeb jew ħażin - li qiegħed jagħraf l-azzjoni attriċi bħala waħda għall-għoti ta' kontijiet. Permezz tar-raba' (4) paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jistqarr li kellu prokura ġenerali ta' Anna Bonello li mietet fit-28 ta' Frar 2015 u għalhekk l-amministrazzjoni tiegħu fil-konfront tagħha ntemmet dakinhar. Favur il-konvenut kien hemm ukoll prokura ġenerali maħruġa mill-attriċi, li ġiet revokata fil-31 ta' Mejju 2017, imbagħad kien hemm prokura oħra tad-9 ta' Frar 2019 li ġiet revokata fit-8 ta' Jannar 2020. Fl-aħjar ipoteżi l-amministrazzjoni (jew l-ewwel amministrazzjoni jekk iż-żewġ prokuri jitqiesu li jirrappreżentaw żewġ amministrazzjonijet) intemmet fil-31 ta' Mejju 2017, u għalhekk l-amministrazzjoni tiegħu spiċċat dakinhar. B'ittra uffiċjali tal-24 ta' Jannar 2020 talbitu jagħti rendikont. Imbagħad fis-6 ta' Frar fetħitlu din il-kawża. Għalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin ikkontemplat fl-Artiklu 2157 m'għaddiex. Il-punt tat-tluq huwa t-tmiem tal-amministrazzjoni, u mhux id-data tal-kuntratt tal-bejgħ, kif jippretendi l-konvenut. Dan seta' kien ikun il-każ li kieku kellu prokura speċjali speċifikament biex jidher fuq dak il-kuntratt; inkella prokura "ġenerali" intiża biss biex jidher fuq dak il-kuntratt. Iżda huwa kien ex admissis amministratur "ġenerali" kemm ta' Anna Bonello kif ukoll ta' bintha l-attriċi.

Ġaladarba l-eċċipjent Anthony Micallef qiegħed jinvoka l-Artiklu 2157, ma jistax jitlob l-applikabilita` tal-Artiklu 2156(f), billi, kif ġja` ngħad, dan huwa wieħed residwali. Filwaqt li hu permess għall-konvenut li jilqa' għall-pretenzjonijiet tal-attriċi permezz ta' difiżi alternattivi, ma jistax jistrieħ fuq difiżi konfliġġenti.

Anthony Micallef issottometta li l-ittri uffiċjali ma kisrux il-preskrizzjoni għaliex kienu biex jagħti rendikont u mhux biex jirritorna l-flus. Għal dan il-kweżit iwieġeb l-Artiklu 2128 tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid li l-preskrizzjoni tinkiser b'kull att ġudizzjarju "li minnu jkun jidher ċar illi s-sid jew il-kreditur **bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom**". M'hemmx għalfejn jiġi eżerċitat il-jedd; u lanqas hemm għalfejn issir interpellazzjoni dwaru; fl-ispeċje, interpellazzjoni għar-rifużjoni. Il-liġi ma tgħidx hekk. Fiż-żewġ ittri msemmija l-attriċi tirriżerva b'mod ċar, inekwivoku u espliċitu l-jedd tagħha li titlob ir-rifużjoni tal-flus in kwistjoni. Riżerva bħal din toqtol l-inerzja li fuqha hu bbażat l-istitut tal-preskrizzjoni; u turi l-intenzjoni li jiġi ppreservat il-jedd pretiż u għalhekk tinterrompi l-preskrizzjoni: "*la detta riserva... ha la virtu` di interrompere la prescrizione, giusta il disposto nell'art. 1892 della citata ordinanza, ove e` stabilito che la prescrizione e`interrotta con qualunque atto giudiziario, da cui risulti chiaramente che il creditore intende di conservate il suo diritto*".[2] Għalhekk, anke kieku kellu jitqies li hu applikabbli l-Artiklu 2156(f), l-eċċezzjoni tfalli għaliex il-perjodu ta' ħames snin ġie validament interrott.

Dak li ngħad fir-rigward tal-konvenut jgħodd, *mutatis mutandis*, għall-kjamat fil-kawża li eċċepixxa l-istess tliet preskrizzjonijiet. Il-kjamat fil-kawża iżda jżid jgħid li jiċħad li kien amministratur. Imma ma jistax fl-istess nifs jiċħad li hu amministratur u jqanqal il-preskrizzjoni ex-Artiklu 2157. Ankorke` seta' jistrieħ fuq l-Artiklu 2156(f), il-punt tat-tluq ma kinitx tkun id-data tal-kuntratt, imma d-data ta' meta seta' rċieva r-rikavat mill-prezz mingħand missieru. Data li minn imkien ma tirriżulta u li kellha tiġi ppruvata mill-kjamat fil-kawża.

---

[2] Edmond Bingham v George Walker 24.03.1874 Prim'Awla, per Imħ. F. Pullicino, ikkonfermata fl-Appell fil-11.12.1874 (Sir Antonio Micallef, Giovanni Conti, Salvatore Naudi) VII.229 iċċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell in re: Paolo Borg v Francis Grech 22.12.1948 XXXIII.i.695. Ara wkoll Carmelo Tabone v Michele Tabone 28.11.1957 Prim'Awla XLI.ii.1173.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni magħmula kemm minn Anthony Micallef kif ukoll minn Joseph Micallef it-tnejn a tenur tal-Artikli 2153, 2156(f) u 2157 tal-Kodiċi Ċivili.

Spejjeż ta' din is-sentenza a kariku tal-konvenut u tal-kjamat in kawża indaqs bejniethom.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA